MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tas-7 ta' April, 2011

Numru. 142/2011

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR JOSEPH AGIUS**
**KONTRA**

**FRANCIS IGUANEZ**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Francis Iguanez ta’ 59 sena, bin Pawlu u Felicita nee’ Camilleri, mwieled fit- 28 ta’ Dicembru 1951, residenti 6 St. Francis, Triq Guseppi Galea, Mtarfa u detentur tal-Karta tal- Identita’ bin- numru 8952M;

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli:

1) Fl- 14 ta’ Ottubru 2010 kif ukoll fil- granet ta’ qabel din id- data fl- inhawi tal- Imtarfa, bhala persuna li zamm jew qabel li jzomm xi animal gieghel lill- istess annimali jsofru ugiegh, tbatija jew dwejjaq minghajr bzonn;

2) Ukoll talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi bi vjolenza jew b’ theddid gieghel ufficjali pubblici li jaghmlu jew ma jaghmlux xi haga li ghandha x’ taqsam mal- kariga taghhom billi hedded jew ingurja lil Gordon Marston, lil Jason Azzopardi u Janice Chetcuti waqt il- qadi ta’ dmirijiethom;

3) Ukoll talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi attakka, jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b’ hebb, ta’ kull xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuni nkarigati skont il- Ligi minn servizz pubbliku fil- waqt li kienu qed jagixxu ghall- esekuzzjoni tal- Ligi jew ta’ ordni moghtija skont il- Ligi mill- Awtorita’ kompetenti;

4) Ukoll talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi f’ kull kaz iehor mhux imsemmi fl- ahhar zewg Artikoli ta’ qabel l- Artikolu 95 tal- Kap 9, ingurja jew hedded jew ghamlu offiza fuq il- persuni ta’ uhud inkarigati skont il-Ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is- servizz, jew bil- hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l- Ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is- servizz;

5) Ukoll talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi ma obdiex l- ordnijiet legittimi ta’ l- Awtorita’ jew ta’ wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma hallihomx jew fixkilhom waqt li kienu qed jaghmlu d- dmirijiet taghhom, jew b’ xi mod iehor, bla jedd, indahal fid- dmirijiet taghhom, jew b’ xi mod iehor, bla jedd, indahal fid-dmirijiet taghhom billi ma halliex lil haddiehor jaghmel li b’ Ligi jkun ordnat jew jista’ jaghmel jew billi gab fix- xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skont il- Ligi, jew b’ xi

mod iehor li jkun, kemm il- darba din id- dizubbidjenza jew dan l- indhil kien jaqa’ taht dispozizzjonijiet ohra tal- Kap 9 jew ta’ Ligi ohra;

6) Ukoll talli zamm 17- il kelb ta’ eta l- fuq minn sitt xhur minghajr licenzja tal- Kummissarju tal- Pulizija;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat in-nota tal-Avukat Generali, li permezz taghha hu ta l-kunsens tieghu sabiex din il-kawza titmexxa b’mod sommarju minn din il-Qorti;

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li din il-Qorti tisma’ l-kawza tieghu bi procedura sommarja, u ghalhekk din il-Qorti giet hekk ikkonvertita ghal Qorti ta’ Gudikatura Kriminali;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f’dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni, u wara li l-Qorti wissietu bl-aktar mod solenni tal-konsegwenzi li ggib maghha din l-istess ammissjoni;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza f’din il-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, u ghaldaqstant dawn jirrisultaw soddisfacentement ippruvati ghall-Qorti, minghajr il-htiega li jinstemghu l-provi kollha.

Il-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri kienu s-segwenti:

Illi l-mertu ta’ dan il-kaz aktar jittratta z-zamma ta’ annimali b’mod mhux xieraq milli mohqrija intenzjonali, izda d-dicitura tal-ligi hija wiesa’ u tinkorpora bhala reat in-nuqqas ta’ zamma b’mod xieraq u adegwat ta’ annimali. Irrisulta li l-imputat kien gie avvicinat minn rappresentanti tat-Taqsima ghat-Trattament Xieraq tal-Annimali fi hdan il-Ministeru ghar-Rizorsi u Affarjiet Rurali, u dawn kien rriskontraw diversi nuqqasijiet fiz-zamma tal-annimali min-naha tal-imputat. Fi spezzjoni ohra wara, irrisulta li l-imputat kien irranga hafna minn dawn in-nuqqasijiet, u minghajr ma toqghod tidhol wisq fil-mertu tal-kaz in esami, il-Qorti hi tal-fehma li huwa proprju dan l-ispirtu tal-ligi ghall-harsien tal-annimali, biex dawn ma jibqghux isofru tbatija ghal xejn, sforz ta’ nuqqas ta’ kura xierqa u adegwata. Il-Qorti tifhem li l-imputat fl-ebda stadju ma kellu l-intenzjoni jahqar lill-annimali taghhom, izda kien biss karenti fil-harsien taghhom, haga li taht il-ligi ghall-harsien tal-annimali huwa reat.

Barra minn hekk, izda, l-imputat tressaq ukoll fuq reati aktar serji minn dawn fl-istess tahrika, peress illi gie indikat li hu ngurja w hedded lill-ufficjali tad-dipartiment, u ma obdiex l-ordni legittima moghtija minnhom, u sahansitra rresista bi vjolenza l-intervent taghhom fil-proprjeta’ tieghu. Dawn ir-reati jpoggu lill-imputat f’sitwazzjoni kemm xejn prekarja f’ghajnejn il-Qorti, u jidher li hu ghall-ewwel ma fehemx il-gravita’ tac-cirkostanzi li sab ruhu fihom. Waqt is-smigh tal-kawza, hu esprima d-dispjacir tieghu ghall-incident kollu, u llum fehem li ma jistax izomm annimali b’mod li huma ma jkunux imharsa sew u skond il-ligi, u fehem ukoll li ma jistax jaggredixxi lil ebda ufficjal li jkun qed jaqdi d-dmir tieghu billi jintervjeni favur l-annimali.

Madankollu, il-Qorti nnotat b’soddisfazzjon li llum l-imputat irregolarizza il-posizzjoni tieghu minghajr wisq perswazjoni mill-ufficjali, izda dan ghamlu minn jeddu wara li ingibdet l-attenzjoni tieghu ghal diversi nuqqasijiet li kien hemm fuq il-lok indikat. Ghalhekk, tenut kont ta’ dawn ic-cirkostanzi, il-Qorti hi tal-fehma li ghar-reat l-aktar

gravi, dak taht il-Kap 9 fil-konfront tal-ufficjali pubblici, ghandu jinghata piena ta’ prigunerija li ma tidholx fis-sehh ghal terminu skond il-ligi, liema piena ghalhekk sejra tkun applikabbli ghar-reati kollha ndikati bl-applikazzjoni tal-konkors tar-reati u pieni.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat  l- Artikoli 8 (2), 8 (3) tal- Kap 439 tal- Ligijiet ta’ Malta;
Kif ukoll l-Artikoli 91, 95, 96, u 338(ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
U l-Artikolu 3(1) tal-Kap 312 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkunannah sitt (6) xhur prigunerija sospizi ghal sena ai terminu tal- Artikolu 28H tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------